

[Paġna Ewlenija](#) > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > L-ispazju tiegħi tal-Ġustizzja elettronika

L-ispazju tiegħi tal-Ġustizzja elettronika

F'għadd ta' Stati Membri, l-individwi u l-persuni ġuridiċi diġà għandhom aċċess online għas-servizzi pubbliċi differenti offruti online mill-ġudikatura u mill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Servizzi pubbliċi diġitali bħal dawn jiffrankaw il-ħin, jistgħu jiġu aċċessati minn kullimkien u huma disponibbli anki f'sitwazzjonijiet diffikultużi.

Fl-2020, bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq il-qasam tal-ġustizzja, il-Kummissjoni ħadet bosta inizjattivi biex tagħti spinta lid-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Il-Komunikazzjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, [Sett ta' għodod ta' opportunitajiet](#), adottata f'Diċembru 2020, kienet tinkludi l-ħolqien ta' din it-taqsimha, "L-ispazju tiegħi tal-Ġustizzja Elettronika", fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika bl-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal diversi servizzi pubbliċi diġitali nazzjonali fil-qasam tal-ġustizzja.

F'din it-taqsimha, għandek issib informazzjoni rilevanti u ħolqiet għas-servizzi pubbliċi diġitali nazzjonali li ġejjin:

- il-possibbiltà li tiġi ppreżentata talba għall-għajjnuna legali;
- kumpens (servizzi elettroniċi li jippermettu lill-partijiet jintroduċu direttament talbiet għad-danni);
- il-bidu ta' kawża ċivili online;
- notifika elettronika tad-dokumenti ġudizzjarji (possibbiltajiet għal notifika elettronika tad-dokumenti minn awtoritajiet ġudizzjarji lill-partijiet);
- il-parteċipazzjoni f'subbasti ġudizzjarji;
- l-aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni;
- il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji; u
- is-servizzi ta' traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha).

L-aħħar aġġornament: 25/02/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.